# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum It-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Ġuramentat Numru: 7/2008**

**Victor u Maria konjuġi Formosa**

**vs**

**Joseph Zammit, u**
**Venerandu Zammit**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-esponenti għandhom fil-pussess tagħhom biċċa raba′ magħrufa bħala 'Tal-Misraħ′ fil-limiti ta′ San Lawrenz, Għawdex;

Illi din ir-raba′għaddiet f′idejn l-esponenti mingħand Antho Zammit missier l-esponenti Maria Formosa u ilha tinħadem mill-esponenti Victor Formosa għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin (25) sena;

Illi fis-sittax (16) ta′ Novembru tas-sena 2007 il-konvenuti Joseph u Venerandu aħwa Zammit daħlu bil-gaffa tagħhom fl-imsemmi raba′ u għamlu diversi toqob bil-gaffa u qalgħu wkoll l-ħitan tal-istess raba′ illi kienet parti miżrugħa u parti maħruta;

Illi dak inhar stess l-esponenti Victor Formosa mar jagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija, kopja ta′ liema rapport qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi dan l-att da parti tal-konvenuti jikkonstitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi;

Illi minkejja li l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċċjali annessa u mmarkata bħala Dok B, sabiex jisporġi dan l-ispoll, il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin daħlu bil-gaffa fir-raba' fil-pussess tal-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qort jreġġgħu kollox lura għall-istat printin teigħu qabel il-kommissjoni ta' dan l-ispoll;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu huma dawk ix-xogħolijiet neċessarji a spejjeż tal-konvenuti;

4. Tillikwida somma għad-danni li soffrew l-atturi per konsegwenza ta' l-ispoll vjolenti u klandestin kommess mill-konvenuti u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-istess somma.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali ta' Diċembru 2007.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi f'dan il-każ ma jeżistux l-estremi ta' l-ispoll, la jeżisti l-element tal-pussess, la jeżisti l-element ta' l-att turbattiv u lanqas jeżisti l-element taż-żmien;

2. Dwar l-element tal-pussess jingħad illi din l-art li għaliha qed issir referenza minn l-atturi tifforma parti minn barriera li kient ġiet imħollija lill-konvenuti bit-testment ta' missierhom liema art kienet u għadha ta' l-esponenti li dejjem għamlu użu minnha;

3. Dwar l-att turbattiv jingħad illi ġialadarba l-element tal-pussess ma jeżistix lanqas jista' jeżisti dan l-element per konsegwenza ta' l-

istess. Di piu jingħad illi ma sar xejn ġdid illi jista' b'xi mod jiġi nterpretat bħala distrub fil-pussess;

4. Dwar l-element taż-żmien lanqas jista' jingħad li dan jista' jiġi pruvat stante illi l-konvenuti ilhom żmien twil fil-pussess ta' din l-art u żgur li iktar minn xahrejn tant illi fil-passat l-atturi kienu ħadu diversi passi legali għaliex skond huma kienu qed jiġu ddisturbati fl-allegati pussess tagħhom. Dawn il-passi anke ġew deċiżi kontra l-istes konjuġi Formosa. Dawn il-kawżi u passi ilhom li ttieħdu ferm qabel minn xahrejn mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża;

5. Illi din il-kawża ma hija xejn għajr waħda frivola ntiża biss biex tivvessa lil atturi;

6. Illi din in-nota ġuramentata qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-konveut Joseph Zammit li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in eċċezzjoni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal tal-kontendenti tat-30 ta' Ottubru 2014 fejn qablu li l-provi miġbura fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Zammit et vs Maria Formosa" (Rikors Ġuramentat Numru 137/2006) ikunu jgħoddu wkoll għal din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Awwissu 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa, kemm f'din il-kawża kif ukoll f'dik konnessa hawn fuq indikata.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' **spoll**. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jingħad li l-'**actio spolii**' hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija*

*eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art.572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs.Fischt,Volum XIII, P.1,pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar";Vol.XXI.II.83 P'Awla Ċivili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol.1889, paġna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi);….."*.[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

*"Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat,l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra."*[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

*"La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica.*

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit:Prim'Awla:12.4.1958 vol.XLII..II.975
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia;Appell Civ.7.3.1958 – vol.XLII.I.86

*L'articolo 695 del Cocice Civile applica,in tutto il suo rigore,la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus"****. Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami.

1. **Il-Pussess**:

Dwar l-ewwel element indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, ingħad:

*"Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-reintegrazzjoni, tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi – '****possession of whatever kind****'- dak li jinteressana f'dal każ - tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero' tesiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix."* [4]

L-atturi jgħidu li din l-għalqa kien ilha f'idejhom minn meta missier l-attriċi, Anthony Zammit kien qallhom biex jaħdmuha wara li kienet ġiet riabilitata bħala għalqa xi ħamsa u għoxrin sena qabel. L-għalqa in kwistjoni hija dik indikata fuq parti mis-*survey sheet* esebita a fol. 15 tal-proċess. Mill-provi prodotti rriżulta li din l-għalqa kienet għamlet żmien qed tiġi skavata bħala barriera tal-ġebel tal-franka minn ċertu Joseph Cauchi. Meta għall-ħabta tas-sena elf disa' mija ħamsa u sittin (1965) ma baqax jinqata' ġebel minnha, Anthony Zammit, li kien għadu kemm ħa għalqa oħra ma' ġenbha biex jisfruttaha bħala barriera wkoll, talabhielu biex fiha jkun jista' jitfa' t-terrapien, ġebel ħażin u trab li jirriżultaw mill-iskavar tal-barriera tiegħu. Cauchi aċċetta u sar il-ftehim meħtieġ ma' sid l-għalqa biex il-kirja tagħha tgħaddi f'idejn Zammit. Malli l-ħofra mtliet u ntefgħet il-ħamrija fil-wiċċ biex ġiet riabiliata bħala għalqa, il-familja ta' Zammit ħawlet xi dwieli u anke bdew ikabbru prodotti oħra bħal tadam ġo fiha. Wara l-

[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano Vol.I. 5ta. ed. 1902 Torino, para.271
[4] Fenech vs Zammit, gia citata

mewt ta' mart Anthony Zammit fl-2003, billi l-avvjament tal-barriera tħalla bi prelegat lill-konvenuti u oħthom Rita Saliba,[5] u dawn kienu qed jippretendu li din l-għalqa kienet tagħmel parti ntegrali minn dan il-legat, fittxew b'diversi modi li jiżgumbraw lill-atturi minn ġo fiha, sa ma fl-aħħar Joseph Zammit qabad u daħal bil-gaffa u għamel il-ħwejjeġ msemmija fil-kawża.

Il-konvenuti jinsistu li l-atturi kienu qegħdin jaħdmu l-għalqa in kwistjoni bil-kunsens tagħhom, u għalhekk b'sempliċi tolleranza li ma tintitolahom għall-ebda protezzjoni taħt l-istitut tal-ispoll privileġġjat.[6] Apparti l-fatt li l-attriċi mhix taqbel li din l-għalqa tifforma parti mill-legat imħolli lill-konvenuti, u dwar dan hemm kawża oħra pendenti bejniethom,[7] f'dik l-istess kawża l-konvenuti presenti qegħdin jitolbu li jiġu mmessi fil-pussess ta' dan il-legat. Dan ifissier *ex admissis* li l-konvenuti s'issa għad m'għandhomx il-pussess esklussiv ta' dan il-legat, anke jekk kellu jinkludi l-għalqa in kwistjoni, u għalhekk ma jistgħux jgħidu li l-atturi qegħdin fiha b'sempliċi tolleranza tagħhom.

Konsegwentement jidher li l-attriċi, in segwitu għall-mewt tal-ġenituri tagħha baqgħet okkupa din l-għalqa bħala ko-possessura (jew aħjar detentriċi), flimkien ma' ħutha l-oħra, tal-inkwilinat li kien igawdi missierha fuqha, u bħala tali kienet qed tikkoltivaha bl-għajnuna ta' żewġha l-attur, fil-mument li twettaq l-inċident mertu ta' din il-kawża.

**2. L-iSpoll:**

Fil-każ in eżami, l-atturi jikkontendu li ġew spoljati meta l-konvenut Joseph Zammit daħal bil-gaffa fl-għalqa ndikata fir-Rikors, għamel xi ħofor u qala' ħitan meta din l-għalqa kienet f'partijiet miżrugħa u f'oħrajn maħruta minnhom. L-istess konvenut Zammit ma jiċħadx li għamel dan, iżda, kif rajna, jsostni li l-atturi kienu qed jaħdmu partijiet minn din l-għalqa bil-kunsens u tolleranza tiegħu u għalkemm kien ilu jgħidilhom biex joħorġulu minn hemm, dawn baqgħu jirrifjutaw. Huma appuntu ħwejjeġ bħal dawn li l-liġi permezz tal-istitut tal-ispoll tikkundanna. Dan il-konvenut ipprefera li jieħu l-liġi f'idejh minflok ma stenna l-eżitu tal-kawża l-oħra li kien fetaħ sentejn qabel kontra

[5] Ara testament unica carta ta' Anthony u Caterina Zammit , in atti Nutar E.G. Cefai tad-19.09.1981, esebit a fol.6 – 9 tal-kawza: Rikors Guramentat Nru.137/2006
[6] Ara M.Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius: Prim'Awla,5.10.1992; Emmanuel Sammut vs John Sammut: Prim'Awla, 19.04.1999; Luigi Ellul et vs Roger Casha: Appell, 13.03.1950 u Marianna Dean vs Joseph Abela: Appell, 30.06.2004, iccitati fin-Nota tal-Osservazzjonjiet responsiva tal-konvenuti
[7] Rikors Guramentat Nru.137/2006 pendenti wkoll quddiem din il-Qorti kif ippresjeduta

oħtu,[8] biex ifittex jiżgombraha mill-għalqa li jemmen li tifforma parti mil-legat imħolli mill-ġenituri tiegħu. Minn naħa l-oħra l-konvenut l-ieħor Venerandu Zammit, għalkemm kien tal-istess fehma ta' ħuh, ma jirriżultax li kellu x'jaqsam mal-inċident *de quo*.

**3. Iz-Zmien:**

L-inċident in kwistjoni jirriżulta li seħħ il-Ħamis 15 ta' Novembru 2007. Skont ma stqarr il-konvenut Joseph Zammit stess mar-surġent li nvestiga l-każ fuq rapport li l-jum ta'qabel kien għamillu l-attur: "*Jien dħalt ġo fiha il-Ħamis filgħodu bil-gaffa, il-barriera u l-Qortin fuq, hu raba wieħed…*"[9] Il-kawża presenti ġiet intavolata fil-15 ta' Jannar 2008 u għalhekk preċiżament entro x-xarhejn preskritti mil-liġi biex issir kawża bħal din.

Permezz tar-raba talba tagħhom l-atturi qegħdin jitolbu wkoll id-danni minħabba l-ħsara li jgħidu li sofrew f'din l-għalqa konsegwenza ta' dan l-ispoll. Imma, kif sewwa ssottomettew il-konvenuti fin-Nota tal-Ossservazzjonjiet responsiva tagħhom, f'kawża bħal din ma jistax ikun hemm kumulu tal-petitorju mal-possessorju, u ċċittaw ġurisprudenza tal-qrati tagħna f'dan is-sens.[10] Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt spettanti lill-atturi f'dan ir-rigward, din it-talba ser ikollha tiġi miċħuda.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenut Joseph Zammit u:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin meta daħal bil-gaffa fir-raba fil-pussess tal-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Zammit biex żmien xahrejn jerġa' jqiegħed kollox lura għall-istat li kien fih qabel il-kommissjoni ta' dan l-ispoll;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lil-atturi jagħmlu dan a spejjeż tal-istess konvenut;

[8] Rikors Guramentat Nru.137/2006
[9] Ara okkorenza tal-Pulizija a fol. 56 -57 tal-process
[10] Valentino Valenti et vs Tarcisio Azzopardi et: Prim'Awla, 2.10.2001

4. Tiċħad ir-raba talba.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut Joseph Zammit, ħlief għal dawk tar-raba talba li jridu jiġu ssoportati mill-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur